SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 06/K5/05

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 11/08/'05 195**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 11/08/'05 248**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 11 t' Awissu 2005.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Skużat: Il-Viċi Sindku Karl Gouder.

1.05 Kien hemm preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fil-5 t'Awissu 2005. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju
4. Active Enterprises (Barriers)
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3** Qabel bdiet il-laqgħa saret minuta silenzju peress li dak il-ħin kienet għaddejja l-quddiesa tas-Sur Joseph Said, missier ir-raġel ta' l-iskrivana

Connie Said, li ġie nieqes. Peress li l-Kunsill ma setax jattendi ntbagħtu żewġ rappreżentanti għall-Kunsill.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 5/K5/05 għall-approvazzjoni.

1.4.02 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 5/K5/05.

1.4.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.5** Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex tiġi diskussa item 3 qabel item 2.

**1.6** Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3. Rapport Finanzjarju**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2005 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni.

3.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2005.

3.04 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Louis Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv.

3.07 Is-Sur Padovani ġie skużat fil-5.15 p.m.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 3165 & K804 | Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar u ittra li bagħat il-Kunsill rigward ġnien pubbliku f'Ta' Ġiorni. |

3218 Ittra mingħand il-Playing Fields Association rigward ir-relazzjonijiet bejn il-Malta Playng Fields Association u l-Kunsilli Lokali.

3268 E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward is-Sage upgrade.

3406 E-mail mingħand l-ASKLM rigward UDITE quality award.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru. 3218

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Playing Fields Association rigward ir-relazzjonijet bejn il-Malta Playng Fields Association u l-Kunsilli Lokali. Ġie deċiż unanimament li l-Malta Playing Fields Association tiġi nfurmata li l-Kunsill huwa nteressat u li tintalab laqgħa magħhom. Meta tkun ser issir din il-laqgħa jiġu nfurmati l-Kunsilliera.

2.03 Il-Kunsillier David Borg wasal fil-5.35 p.m.

2.04 Rif. Nru. 3406

B'riferenza għall-e-mail mingħand l-ASKLM rigward UDITE Quality Award ġie deċiż unanimament li din terġa tiġi diskussa f'-laqgħa oħra u li jiġi mitlub li jkun presenti l-Viċi President ta' l-UDITE, s-Sur Adrian Mifsud.

2.05 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li hemm dateline li hi qabel il-15 ta' Settembru.

**4. Active Enterprises (Barriers)**

4.01 Saret riferenza għall-Minuti 38/K4/05 datati 18 ta' Novembru 2004 (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li saret laqgħa ma' l-Active Enterprises dwar il-barriers u li ġew issettiljati d-donazzjonijiet / sponsorship li kellhom isiru. Madankollu d-differenza li hemm issa hija ta' xhur, ta' bejn id-data li ntbagħtet l-ittra tal-Kunsill sakemm bdew jsiru l-pagamenti.

4.03 Hawnhekk il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

4.04 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li fil-laqgħa mas-Sur Naudi ġie diskuss li fil-futur il-Kunsill jiġi nfurmat bil-miktub meta ma jkunx hemm reklam fil-barriers u meta jkun hemm jintbagħat kopja lill-Kunsill tal-kuntratt li jagħmel mal-klijenti tiegħu.

4.05 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li:-

- għall-barriers ta' Triq il-Kbira n-naħa tal-Bajja tal-Balluta tingħata donazzjoni lill-Kunsill ta' Lm 250 minflokk Lm 500.
- Il-Kunsill ma qabilx li s-Sur-Naudi jibgħat kopja lill-Kunsill tal-kuntratt li jagħmel mal-klijenti tiegħu.
- Il-ftehim mas-Sur Naudi jsir għal sena biss iżda dan il-ftehim jista jiġi mġedded sena b'sena dment li xahrejn qabel tagħlaq is-sena s-Sur Naudi jinforma lill-Kunsill bill-miktub bl-intenzjonijiet tiegħu.
- Jekk sa xahrejn qabel tiskadi s-sena ta' ftehim il-Kunsill ma jirċievi xejn bil-miktub, mingħand is-Sur Naudi, il-Kunsill jikkunsidra li dan m'għadux interessat.
- Jekk ikun hemm min joffri offerta aktar vantaġġuża l-Kunsill ikun jista jikkunsidra din l-offerta.
- Il-Kunsilliera Robert Camenzuli u David Borg jippreparaw Bye-Laws rigward Reklami fuq Għamara tat-Toroq.

**5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Kunsillier David Borg issekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Peress li ġie deċiż unanimament li laqgħa oħra tal-Kunsill issir fit 28 ta' Settembru 2005, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsiru l-pagamenti tal-kontijiet li l-Kunsill jirċievu u fejn huwa l-każ dan isir wara li l-kontijiet jiġu ċċertifikati mill-Contracts Manager.

**6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1897 sa 1902 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn 1897 sa 1902.

6.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Materji Oħra**

7.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

7.03 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li kien ser jsir pagament ta' Lm16.00 lill-Knisja tal-Balluta bħala servizz parrokkjali.

7.04 Iċ-Chairman Peter Bonello ġibed l-attenzjoni li nxtara s-servizz ta' taxi sabiex is-Sur Victor Cachia u l-iskrivana Marisa Micallef jattendu bħala rappreżentanti tal-Kunsill, għall-quddiesa tal-funeral ta' missier ir-raġel ta' l-iskrivana Connie Said.

7.05 Il-Kunsill ingħata draft tal-Bye-Laws dwar Xatt is-Sajjieda li qed jipprepara l-Kunsillier Robert Camenzuli (Ara Appendiċi 'E'). Dan id-draft ser jintuża mill-Kunsilliera David Borg u Richard Scicluna biex jiġi diskuss fis-Sotto Kumitat ta' Xatt is-Sajjieda.

7.06 Ġie deċiż unanimament li:

- ninfurmaw lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jiġi provdut it-tielet ħaddiem assenjat li huwa ntitolat il-Kunsill, sabiex jiġi utilizzat għal xogħolijiet ta' manutenzjoni / handyman.

- tintgħalab stima sabiex isir mobile toilet għat-3 xhur tas-sajf fil-Bajja ta' Spinola.

7.07 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fit-7.30 p.m.

Peter Bonello
Sindku

Helen Walker
Segretarju Eżekuttiv